REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1643

tal-5 ta' Novembru 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi calcium phosphide, denathonium benzoate, haloxyfop-P, imidacloprid, pencycuron u zeta-cypermethrin

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi calcium phosphide u denathonium benzoate ġew estiżi mill-31 ta' Awwissu 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022, u l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva imidacloprid ġie estiż mill-31 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Lulju 2022 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/195 ([3]).

(3) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva zeta-cypermethrin ġie estiż mit-30 ta' Novembru 2019 sat-30 ta' Novembru 2021 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 ([4]).

(4) Il-perjodu ta' approvazzjoni għas-sustanza attiva pencycuron ġie estiż mill-31 ta' Mejju 2021 sal-31 ta' Mejju 2024 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1266 ([5]).

(5) Il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva haloxyfop-P ġie estiż mill-31 ta' Diċembru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/670 ([6]).

(6) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([7]). Madankollu, għas-sustanzi attivi calcium phosphide, denathonium benzoate, haloxyfop-P, imidacloprid, pencycuron u zeta-cypermethrin, l-applikanti kkonfermaw li ma għadhomx jappoġġjaw l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/195 tat-3 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' bosta sustanzi attivi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 (il-programm ta' tiġdid AIR IV) (ĠU L 31, 4.2.2017, p. 21).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 tal-24 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' bosta sustanzi attivi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 (il-programm ta' tiġdid AIR IV) (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1266 tal-20 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-dekanol, 6-benżiladenina, sulfat tal-aluminju, ażadiraktin, bupirimat, karbossinu, kletodim, ċiklossidim, dażomet, diklofop, ditijanon, dodina, fenażakwin, fluwometuron, flutriafol, eżitijażoss, imessażol, aċidu indolibutriku, isossaben, kubrit tal-ġir, metaldeid, paklobutrażol, penċikuron, sintofen, tau fluvalinat u tebufenożur (ĠU L 238, 21.9.2018, p. 81).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/670 tat-30 ta' April 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fejn għandu x'jaqsam mat-titwil tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi bromukonażol, buprofeżin, ħalossifop-P u napropammid (ĠU L 113, 3.5.2018, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

(7) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-estensjonijiet tal-perjodi ta' approvazzjoni għal dawk is-sustanzi attivi, previsti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/195, (UE) 2017/555, (UE) 2018/1266 u (UE) 2018/670, ma għadhomx iġġustifikati. Għalhekk jixraq li jiġi previst li l-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi haloxyfop-P u pencycuron jiskadu fid-dati li kienu jkunu jiskadu mingħajr l-estensjoni. Għas-sustanzi attivi calcium phosphide, denathonium benzoate, imidacloprid, u zeta-cypermethrin, id-dati ta' skadenza, qabel l-estensjoni, kienu fl-2019. Għalhekk, id-data ta' skadenza ta' dawk is-sustanzi attivi jenħtieġ li tiġi stabbilita fl-eqreb data possibbli, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi.

(8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 216, Imidacloprid, id-data tinbidel bid-data "1 ta' Diċembru 2020";

(2) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 226, Denathonium benzoate, id-data tinbidel bid-data "1 ta' Diċembru 2020";

(3) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 261, Calcium phosphide, id-data tinbidel bid-data "1 ta' Diċembru 2020";

(4) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 281, Zeta-cypermethrin, id-data tinbidel bid-data "1 ta' Diċembru 2020";

(5) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni tar-ringiela 309, Haloxyfop-P, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2020";

(6) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni tar-ringiela 349, "Pencycuron", id-data tinbidel bid-data "31 ta' Mejju 2021".